

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment I. Gurov u G. Étienne, sussegwentement I. Gurov u A. Vitro, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850 tas-27 ta' Mejju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2016, L 141, p. 125), tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/840 tas-27 ta' Mejju 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2016, L 141, p. 30), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/917 tad-29 ta' Mejju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2017, L 139, p. 62), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/907 tad-29 ta' Mejju 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2017, L 139, p. 15), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) HX huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 419, 14.11.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 7 ta' Ġunju 2018 – MIP Metro vs EUIPO – AFNOR (N & NF TRADING)

(Kawża T-807/16) (¹)

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li ssemmi l-Unjoni Ewropea — Trade mark verbali N & NF TRADING — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea NF ENVIRONNEMENT — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Assenza ta’ karattru distintiv miżjud tat-trade mark preċedenti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”]

(2018/C 268/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Association française de normalisation (AFNOR) (La Plaine Saint-Denis, Franza) (rappreżentant: B. Fontaine, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Lulju 2016 (Każ R 1109/2015-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn l-AFNOR u MIP Metro Group Intellectual Property.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 22, 23.1.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ġunju 2018 – Damm vs EUIPO – Schlossbrauerei Au, Willibald Beck Freiherr von Peccoz (EISKELLER)

(Kawża T-859/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea ‘EISKELLER’ — Trade marks verbali nazzjonali preċedenti KELER u KELER 18 — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ xebh tas-sinjali — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”)

(2018/C 268/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sociedad Anónima Damm (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: P. González-Bueno Catalán de Ocón u C. Aguilera Montáñez, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Harrington, D. Hanf, V. Ruzek u D. Walicka, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Schlossbrauerei Au, Willibald Beck Freiherr von Peccoz GmbH & Co. KG (Au-Hallertau, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Thomas u V. Schwepler, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-5 ta' Settembru 2016 (Każ R 2428/2015-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sociedad Anónima Damm u Schlossbrauerei Au, Willibald Beck Freiherr von Peccoz.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Sociedad Anónima Damm hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 38, 6.2.2017.